**Kunsill Lokali Safi**

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page:www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disa' Leġiżlatura

Laqgħa Numru 15/2024

18 ta' Diċembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Skużat

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**15.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku Francis Callus kien marid u ma setax jattendi għal laqgħa. Huwa ġie skużat.

**15.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

15.1.1 Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

15.1.2 Is-Sindku qal li rigward l-Għassa tal-Pulizija kien ser jagħti update waqt Komunikazzjoni mis-Sindku.

15.1.3 Is-Sindku qal li l-ewwel laqgħa tal-Kunsill tat-Tfal kienet saret nhar il-Ħamis 5 ta' Diċembru, 2024. Huwa stieden lill-Kunsilliera Claire Zammit sabiex tagħti aktar dettalji tal-ewwel laqgħa.

15.1.4 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li kienu ġew identifikati d-dati għal-laqgħat ta' Jannar, Frar u Marzu tas-sena d-dieħla u li dawn il-laqgħat issa kienu ser jieħdu ħsiebhom il-mentors. Hija qalet li sa issa kien hemm tlettax (13) l-applikant flimkien ma żewġ mentors għalhekk wieħed irid jistenna sabiex naraw kif ser jiżviluppaw l-affarijiet. Hija qalet ukoll li l-Kunsill kien ġie ippreżentat bi plakka mill-Eċċellenza tagħha l-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca.

15.1.5 Is-Sindku qal li fejn kienet saret il-*major clean up* kien għad fadal xi jsir cioe jitneħħa aktar materjal ieħor, u peress li l-art kienet ġejja għan-niżla kien jinħtieġ li jinbnew żewġ filati sabiex jilqgħu l-ħamrija. Is-Sindku ressaq żewġ kwotazzjonijiet sabiex isiru x-xogħolijiet. Huwa spjega li l-ispejjeż kienu ser jinqasmu parti mir-Reġjun u l-kumplament mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel mal-orħos kwotazzjoni.

15.1.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu ma rċiviex risposta minn Transport Malta rigward it-talba tagħna sabiex Triq Carmelo Caruana tinbidel fi triq distributorja.

15.1.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva żewġ kwotazzjonijiet rigward il-*humped zebra crossing* fi Triq il-Karwija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel mal-orħos kwotazzjoni.

15.1.8 Is-Sindku qal ref punt 14.2.12 (€200 għal kotba mir-Reġjun) il-preżentazzjoni tal-kotba kienet saret waqt Jum il-Premjazzjoni tal-Iskola. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu jistieden lill-President tar-Reġjun sabiex jiġu preżentati l-kotba lil-librerija pubblika.

15.1.9 Is-Sindku qal li ref punt 14.3.9 (sit ħdejn il-*bring in sites*) kien kellem lil sid id-dar li kellu l-hoarding wall. Is-Sindku qal li sid id-dar kien qallu li kien għad hemm kanal li kellu jintela' qabel jitneħħa l-*hoarding wall*.

15.1.19 Is-Sindku qal li ref punt 14.5 (Vjal Kulħadd) il-Perit kien irranga l-covering letter li ser titqassam mas-*site plans* tat-*traffic management phase 1*. Huwa spjega t-tibdil li kien sar, il-Kunsill iddiskuta u qabel mal-aħħar verżjoni tas-*site plans* u *covering letter*.

Is-Sindku spjega li l-ħsieb tal-Kunsill kien li hekk kif jgħaddu l-festi tal-Milied nibdew naħsbu għat-tabelli li hemm bżonn biex nimplimentaw it-traffic management.

15.1.20 Is-Sindku fakkar li l-ikla tal-anzjani kienet skedata għal nhar il-Ħadd 5 ta' Jannar 2025 filwaqt li l-festin tat-tfal għal Milied it-Tnejn 30 ta' Diċembru, 2025.

15.1.21 Is-Sindku qal li l-fuljett kellu jkun lest il-ġimgħa ta’ wara l-laqgħa biex jilħaq jitqassam sal-Milied.

15.1.22 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-inizjattiva sabiex *Father Christmas* idur mar-raħal kienet ser issir il-Ħadd ta’ wara l-laqgħa bejn il-5:00pm u s-7:00pm.

**15.2 Komunikazzjoni mis-Sindku.**

15.2.1 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 25 ta’ Novembru kien attenda laqgħa mad-Deputat Kummissarju tal-Pulizija fejn kien ressaq il-proposta sabiex l-għassa terġa’ tgħaddi lura għand il-Każin tal-Banda. Is-Sindku spjega li mill-komunikazzjoni li saret fl-istess laqgħa ma kienx konvint li l-pulizija kienu ser jitilqu l-għassa għaliex qalulu li l-Każin seta’ jiftaħ kawża l-Qorti biex jerġa’ jieħu lura l-għassa. Is-Sindku qal li sa dakinhar tal-laqgħa l-pulizija ma kinux bagħtu risposta għas-suġġeriment tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li fuq nota oħra minn Jannar ser jerġa’ jkun hemm ċaqlieq fid-distretti u Ħal Safi kien ser jerġa’ jingħaqad mad-distrett taż-Żurrieq.

15.2.2 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 3 ta’ dicembru l-Kunsill kellu stedina l-*Echo hive Academy* ġewwa Marsaskala. Is-Sindku qal li kienet laqgħa informattiva ħafna fejn intwerew kif wieħed seta’ jitgħallem fuq is-separazzjoni tal-iskart permezz tal-logħob. Huwa qal ukoll li l-Kunsill seta’ jorganizza ħarġiet għall-pubbliku sabiex dejjem jibqa’ jikber l-għarfien għas-separazzjoni tal-iskart.

15.2.3 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 9 ta’ Diċembru flimkien mal-perit kien attenda laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli fejn ressqu s-suġġeriment tal-*underground parking* b’sular wieħed. Is-Sindku qal li waqt l-istess laqgħa kien ġie deċiż li Projects Green jibqgħu għaddejjin bil-pjanti sabiex ma jinħeliex ħafna żmien u wara jgħadduhom lill-Kunsill sabiex tkun tista’ ssir il-konsultazzjoni mar-residenti.

15.2.4 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 12 ta’ Diċembru, 2024 kien iltaqa’ mas-Segretarju Parlamentari Omar Farruġia fejn kien ressaq id-disinn li kien provdielna l-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li għalkemm il-*Public works* lesti li jagħmlu l-underground parking, il-problema tibqa’ l-kwistjoni tas-siġar li hemm fin-nofs tal-Ġnien. Il-Kunsill iddiskuta n-numru u l-kwalita’ ta’ siġar li hemm f’nofs il-Ġnien u qabel li jitlob laqgħa mal-ERA sabiex naraw x’jista’ jsir u jekk l-ispeċi ta’ siġar li hemm fin-nofs jistgħux jiġu rilokati f’post ieħor.

15.2.5 Is-Sindku qal li waqt l-istess laqgħa saret diskussjoni ukoll rigward l-problema tal-culverts fi Triq Qerd in-Naħal. Huwa spjega li meta tagħmel xita bil-qliel, ir-residenti qed ikollhom problemi kbar. Is-Sindku qal li l-Public Works diġa’ kienu għamlu x’jista’ jsir bħala Storm Water Culverts pero’ kienu għadhom qed jiddiskutu min kien ser jagħmel ix-xogħolijiet għaliex it-triq kienet tirrekjedi li tinqala’ kollha. Is-Sindku

spjega li issa kien intlaħaq ftehim u kienu ser jintegraw ix-xogħolijiet bejn il-Public Works u Infrastructure Malta.

15.2.6 Is-Sindku qal li l-permess tal-bitħa għaċ-Ċentru Parrokkjali issa kien ġie approvat u wisq probabbli li s-sena d-dieħla jitħabbar il-proġett sabiex wara jkunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet.

15.2.7 Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa ma' Infrastructure Malta kienu ddiskutew ukoll Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien talab sabiex issir din it-triq pero' jidher li kienet għadha mhux ser issir fl-immedjat.

Is-Sindku qal li saret diskussjoni ukoll rigward Triq Filomenu Cachia pero' Infrastructure Malta ma kinux għadhom kommettew ruħhom peress li din it-triq kienet waħda ġdida u trid tiġi esproprjata art li hija privata sabiex tinfetaħ.

Is-Sindku qal li fl-istess laqgħa ma' Infrastrucure Malta, kienu ddiskutew ukoll Triq Carmelo Caruana li għalkemm it-talba li din issir triq distributorja kienet għadha pendenti, pero' Infrastructure Malta xorta kienu lesti li jagħmlu ċertu manutenzjoni u s-Sindku spjegalhom iż-żoni li huma perokolużi u li kien jeħtieġ ċertu interventi minħabba l-periklu li jeżisti.

Waqt il-laqgħa ssemmiet ukoll Triq Qerd in-Naħal li x-xogħol fuqha huwa maħsub li jsir fis-sena 2025 wara diskussjonijiet mal-Public Works minħabba li hemm bżonn li jsiru storm water culverts.

15.2.8 Is-Sindku fakkar li nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru, 2024 kien ser isir il-Kunċert tal-Milied fil-Knisja Parrokkjali.

15.2.9 Is-Sindku qal li l-ġurnata ta' qabel il-laqgħa kien ħareġ ir-rapprt tal-NAO u b'sodisfazzjoni xtaq jgħid li l-Kunsill ta' Ħal Safi kien wieħed mill-Kunsilli li kellu *Clean Audit Opinion.*

**15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

15.4.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li nhar il-Ħadd 2 ta' Frar kienet ser tiġi l-Blood Donation Unit u fakkret lill-kunsill sabiex din l-inizjattiva tidher fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

15.4.2 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li Triq in-Nassaba kantuniera ma' Triq is-Summien kien hemm ħofra żgħira sabiex tintela' bit-tarmak.

15.4.3 Il-Kunsilliera Claire Żammit qalet li kienet irciviet suġġeriment sabiex Triq San Gwann issir tabella '*Cats Crossing*' minħabba li xi sewwieqa kienu qed isuqu b'mod eċċessiv

bil-konsegwenza li kienu qed jittajru l-qtates. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma dan is-suġġeriment.

15.4.4 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li kien irċieva lment li fi Triq San Tumas qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-annimali u li kien qed jissuġerixxi li jitwaħħlu xi *doggy bins* fil-viċin forsi jitnaqqas l-abbuż. Huwa ssuġġerixxa li jitwaħħlu żewġ *doggy bins*, wieħed ħdejn il-bring in sites u ieħor f'Misraħ San Ġużepp fejn il-kaxxa tal-Go. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal issa jitwaħħal wieħed dak ta' ħdejn il-bring in sites.

15.4.5 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li kien irċieva lment li fi Triq il-Karwija kien tneħħa l-ħajt fejn isir l-isparar u għalhekk inħoloq periklu għal min ikun għaddej. Is-Sindku qal li għalkemm jemmen bħala armata kienu qed jieħdu l-prekawzjonijiet kollha biex ma jsirx xi nċident, il-Kunsill diġa' kien wera l-preokkupazzjoni tiegħu fil-passat.

15.4.6 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li l-banda tal-Każin Banda San Pawl kienu jiġu mistiedna jdoqqu għal tlett festi barra r-raħal, u li s-sena d-dieħla kienu mistiedna jdoqqu Birżebbugia, il-Belt u Rabat Malta. Huwa staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill jorganizza ħarġa għar-residenti Ħal Safin fejn il-Kunsill joffri t-transport għal dawn l-lokalitajiet biex aktar nies jattendu għall-festi barra r-raħal, kif ukoll ikunu jistgħu jtellgħu l-istrumenti l-Każin. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-proposta u naraw x'konkorrenza jkun hemm.

15.4 Performance Appraisal Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ressaq il-performance appraisal report tas-Segretarju Eżekuttiv u ssuġġerixxa li tingħata l-ammont massimu tal-bonus. Kien hemm qbil unanimu li s-Segretarju Eżekuttiv tieħu l-massimu tal-bonus. Dan ir-rapport għandu jitressaq għall-approvazzjoni tad-Dipartiment qabel jitħallas.

15.5 Performance Appraisal Ħaddiema Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-*performance appraisal report* tal-iskrivani u qalet li tħoss li l-iskrivani kienu qegħdin jagħmlu ħilithom bil-kbir sabiex ix-xogħol tal-Kunsill jimxi b'mod effiċjenti u għalhekk issuġġerixxa illi għandhom jingħataw l-*full performance bonus,* dak ta' 6%. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.6 Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ kwotazzjonijiet għall-ikla tal-anzjani. Hija qalet li għalkemm kienet bagħtet għal diversi kwotazzjonijiet il-Kunsill kien irċieva dawn it-tnejn biss. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel mal-orħos kwotazzjoni.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet attendiet laqgħa flimkien ma żewġ inġiniera mill-*The Energy and Water Agency* fejn ġie diskuss il-possibilita' li jsiru panelli

foltovoltajiċi fuq il-bejt tal-binja tal-Kunsill. Hija qalet li din l-Agenzija kienet qed tieħu ħsieb li tibni panelli foltovoltajiċi fuq binjiet tal-Gvern fosthom il-Kunsill Lokali. Hija tat spjegazzjoni ta' kif kienet ser taħdem din l-inizjattiva u li l-ispejjeż ma kienx ser jerfagħhom il-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nuru l-interess għal din l-inizjattiva.

Is-Sindku qal li kien ikkuntatjah Sindku Taljan biex jara jekk il-Kunsill kienx interessat jingħaqad miegħu fi Proġett Ewropew *'Enhancing Urban Mobility Infrastrucure through Traffic Flow Modeling and Sensor with creation of IT eco parking and Green Areas.* Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna ningħaqdu u fuq suġġeriment tas-Sindku qabel li nkellmu lill-Manager tar-Reġjun sabiex jekk jintrebaħ dan il-proġett ikun jista' jgħinnha fl-implimentazzjoni tiegħu.

## 15.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament inkluż il-pagamenti relati mal-iskema SPI/SCI/05/2024 Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025.

## 15.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8.11pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 29 ta' Jannar, 2025 fl-4:30pm, u fis-6:00pm issir l-laqgħa annwali pubblika.

| **Iffirmati** | **Iffirmati** |
|---|---|
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |